Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2018/C 173/05)



Wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Greċja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]). F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkollu rilevanza simbolika għolja f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Il-Greċja

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Kostis Palamas – tifkira tal-75 sena minn mewtu

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri l-wiċċ tal-poeta Grieg Kostis Palamas (1859-1943). Imnaqqxin tul ix-xifer tan-naħa ta' ġewwa fuq ix-xellug hemm il-kliem "IR-REPUBBLIKA ELLENIKA" u l-isem "KOSTIS PALAMAS" (bil-Grieg). Hija minquxa wkoll palmetta (il-marka taz-zekka taz-Zekka Griega) u s-sena tal-ħruġ "2018". Viżibbli fin-naħa t'isfel fil-lemin hemm il-monogramma tal-artist (George Stamatopoulos).

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 750 000

Data tal-ħruġ: F'nofs l-2018

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).